MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 450/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 3 TA' OTTUBRU 2013**

**SPETTUR SARAH MAGRI**
**VS**
**ANGELO TANTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Angelo Tanti ta 50` sena, bin Joseph u Anna nee' Agius, imwieled Zabbar fis-6 ta' Gunju 1961, u li joqghod f'73, Triq Hompesch Fgura u detentur tal-Karta ta' l-identita` Maltija bin-numru 421161M

Talli;

1) Bejn il-perjodu ta` April 2011 u Dicembru 2011, f'dawn il-Gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn crane ta' l-ghamla Allengrove li jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dang ha-detriment ta` Carmelo Falzon (ID. No. 819945M) u /jew tal-kmpanija Waste Oils Company Limited (C14999)

2) Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz sabiex jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jitqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u 37 centezmu(2329.37) ghad-detriment ta` Carmelo Falzon (ID. No. 819945M) u/jew tal-kumpanija Waste Oils Company Limited (C14999)

3) Talli huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-mertu ta' din il-kawza kien jittratta s-segwenti. L-imputat kien xtara *crane* minn ghand Waste Oils Company Limited f'xi zmien bejn April u Dicembru tas-sena 2011, izda baqa' ma hallasx ghal dan l-ingenju. Aktar minn hekk, sussegwentement biegh il-hadid u l-makkinarju kollu ghal *scrap* u zamm ir-rikavat kollu hu. Ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mill-provi kollha prodotti, ma hemm l-ebda dubju li effettivament l-imputat naqas li jhallas lil Waste Oils tal-ingenji li xtara minn ghandhom, u li kif kellu l-pussess effetiv tal-istess, bieghu minghajr il-kunsens tas-sid legittimu u zamm ir-rikavat kollu ghalih. Ghalhekk, din l-azzjoni taqa' perfettament taht ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, dik moghtija fl-ewwel imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni inghatat biss bhala alternattiva ghall-ewwel wahda. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, din ma gietx ippruvata.

Bhala piena, huwa zgur li l-interess ewlieni tas-socjeta' derubata hi r-rifuzjoni tal-flus ta' kemm kien jiswa' dan il-*crane*. Ghalhekk, il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija, li ser tinzamm sospiza u ma tidholx fis-sehh sakemm l-imputat ma jwettaqx reat iehor u sakemm ma jhallasx l-ammont ta' flus li ha a detriment ta' Waste Oils.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 308, 309 u 310(1)(a)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel;

Illi din il-Qorti issib lill- imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant tikkundanah piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Inoltre tordna lill- imputat ihallas is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300) lil Carmelo Falzon fi zmien sitt xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------